**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Dicembru, 2019**

**Rikors nru: 232/2017 AGV**

**A sive B C**

**vs**

**D sive E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1.Illi l-kontendenti zzewwgu nhar it-22 ta' Ottubru, 1980 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk bejniethom giet stabbilita ipso jure r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti liema regim matrimonjali ghadha tirregola l-proprjeta' taghhom.

2. Illi matul iz-zwieg taghhom huma kellhom zewgt itfal, u cioe' F u G ahwa C, llum maggorenni.

3. Illi l-partijiet illum huma anzjani u ma jahdmux, fil-fatt in-negozju li kellu r-ragel illum gie terminat u x-xoghol u l-kirja tal-fond li huwa kien jiggestixxi illum qed jigi munit u gestit minn ibnu G C.

4. Illi l-unika introjtu li hu ghandu hija l-pensjoni tas-sigurta' socjali li qieghed jiddividi ma' martu a tenur ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti.

5. Illi barra minn hekk, b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 24 ta' Mejju, 2019, dina l-Onorabbli Qorti ordnat illi r-rikorrenti AC tista' tippercepixxi l-introjtu minn wiehed mill-appartamenti taht il-fond matrimonjali 68, Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha.

6. Illi jkun gust u ekwu illi l-esponenti jippercepixxi l-introjtu tal-appartament l-iehor bit-3 kmamar tas-sodda taht l-istess fond kif fil-fatt ser tibda taghmel martu iktar u iktar meta huwa xorta baqa' obbligat ihallas il-loan tal-Bank of Valletta plc. ta' cirka €1340 fix-xahar.

7. Illi jinhtieg ukoll illi millum 'l quddiem il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi terminata a tenur tal-Artiklu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet. Minkejja illi illum l-partijiet ighixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet ikunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll – a fortiori in vista tal-

indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel.

9. Illi ghalhekk AC mhux sejra ssofri pregudizzju u certament mhux ser isoffri minn xi pregudizzju sproporzjonat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

10. Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandu jibqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a disposizzjoni tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) Tordna illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan a disposizzjoni tal-Artikolu 55 (5) tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

iii) Tiddikjara illi r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi u dan taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

iv) Tordna ukoll illi l-esponenti D sve E C, a tenur tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Mejju, 2019, huwa ukoll jippercepixxi l-introjtu mill-kiri tal-appartament l-iehor kif hawn fuq spjegat taht il-fond 68, Triq Ta' Fuq il-Widien, Mellieha.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

Illi permezz tar-rikors intavolat minnu datat 25 ta’ Novembru, 2019, ir-rikorrent qed jitlob, fost affarijiet ohra, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex huwa ukoll jippercepixxi l-introjtu tal-kiri tal-appartement li jinsab fid-dar matrimonjali.

**<u>Waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

1. Illi l-esponenti toggezzjona ghal tali talba a bazi tas-subartiklu 4 tal-Artiklu 55 li jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni, il-Qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta’ tali waqfien waqt il-kawza.

2. Illi fil-fatt qiedgha toggezzjona ghal din it-talba u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

a. Illi ma hux minnu li l-uniku introjtu li ghandu l-konvenut huwa dak tal-pensjoni tas-sigurta’ socjali. In effetti, l-konvenut jippercepixxi diversi flejjes minn negozju, kif huwa stess tenna meta mistoqsi fis-seduta tal-10 ta’ April, 2019 fejn sostna li huwa jircievi flus li jghaddilu t-tifel. Illi ghalhekk ghal

darb'ohra l-konvenut qed ikun inveritier (ara Dok, TA 1 hawn anness).

b. Illi fil-fatt matul iz-zwieg, il-konvenut fetah diversi kumpaniji u partnerships li fihom jinnegozja l-bini fost ohrajn. Illi l-esponenti kienet tinghata biss informazzjoni minima u lanqas biss taf x'assi hemm f'dawn il-kumpaniji. Illi hija fil-fatt harrket lil diversi xhieda li ma telghux fis-seduta li ghaddiet u ghad fadlilha diversi provi xi tressaq sabiex jigi accertat x'assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti.

*c.* Illi sabiex tikkawtela sehemha, hija kienet intavolat mandat ta' inibizzjoni 134/2017 fejn il-qorti kienet tenniet li "***safejn decizjonijiet li jittiehdu f'dawk is-socjetajiet ikunu gejjin mill-intimat jew jiddependu minnu (b'mod partikolari fejn diga' hareg li huwa direttur wahdieni), ir-rabta tal-mandat tghodd ghalih fil-vesti personali u fil-vesti tieghu ta' direttur jew azzjonist u ma jistax jinsatar wara l-velu tas-socjetajiet li mhumiex intimati f'dawn il-proceduri biex jaghmel xi haga bi ksur tal-ordni li l-Qorti sejra taghti (ara mandat hawn anness u mmarkat bhala Dok. TA 2).***"

Illi madanakollu, lanqas dan ma kien bizzejjed sabiex iwaqqaf lill-konvenut milli jittenta jinnegozja u dan minkejja ordni tal-qorti u fil-fatt l-esponenti saret taf, wara li rcevew karta d-dar, li l-konvenut dahal f'konvenju u dana kif huwa nnifsu ma cahadtx fix-xhieda tieghu (Ara Dok. hawn anness u mmarkat bhala Dok. TA 3).

d. Illi, inoltre, ghalkemm il-konvenut ipprometta ruhu li jesebixxi diversi dokumenti fosthom income tax returns, huwa naqas li jaghmel dan. Illi fil-fatt, il-konvenut ghandu tendenza li jkun inveritier u dana anke kif jidher car mill-fatt li huwa kien tenna li fis-seduta tas-19 ta' Frar, 2019 ihallas kont tad-dawl u ilma gholi hafna meta l-provi juru bil-kuntrarju u cioe' li hemm kreditu ta' €2733.96 u dan peress li l-fond huwa servut b'pannelli (ara transcript hawn anness u mmarkat bhala Dok. TA 1 ).

e. Illi l-esponenti bi hsiebha itella' diversi xhieda quddiem il-Perit Legali sabiex jigi stabbilit x'assi jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u jigi stabbilit l-introjtu tal-konvenut u dana peress li dan ghandu dhul sostanzjali ferm aktar milli diga' ddikjara.

3. Ricentement, l-esponenti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza **Ronald Asciak vs Antonia Asciak** moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 21 ta' Novembru, 2018 fejn gie ritenut illi:-

***" Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficli ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.***

***…..Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li***

***jista' johloqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghadha ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom.***

***Fil-fehma tal-Qoti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata."***

<u>**Kirja tal-flatlet li jinsab fid-dar matrimonjali**</u>

4. Illi ssir referenza ghad-digriet tal-Onorabbli Qorti datat 24 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-esponenti u awtorizzat lill-esponenti sabiex tikri wiehed mill-flettijiet prezentement vakanti u unikament tutilizza l-pagamenti tal-kirja.

5. Illi l-esponenti tixtieq tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li proprju wara li hareg l-imsemmi digriet, il-konvenut mar gewwa d-dar matrimonjali, hataf ic-cwievet tal-istess flat u dan wara li beda jirrabja li l-esponenti ser tibda tikri l-istess. Illi fil-fatt l-esponenti ghamlet rapport ta' dan l-incident.

6. Illi ghalkemm l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni li l-konvenut jippercepixxi l-introjtu ta' wiehed mill-flettijiet, hija topponi li huwa jikri l-flett bi tlett ikmamar tas-sodda u jsostni li huwa ghandu jikri l-flett b'kamra tas-sodda wahda u dan

peress li huwa car li l-konvenut ghandu ntrojtu ferm aktar konsiderevoli minn dak tal-esponenti.

7. Ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija, l-esponenti hija tal-umli opinjoni li f'dan l-istadju :-

a) L-ewwel tlett talbiet tal-konvenut hekk dedotti fir-rikors odjern datat 25 ta' Gunju, 2019 ghandhom jigu michuda.

b) Ma topponix ghar-raba' talba limitatament ghall-fatt li l-konvenut ikun awtorizzat jippercepixxi l-introjtu mill-kiri tal-flett b'kamra tas-sodda wahda.

**IKKUNSIDRAT**

Ir-rikorrenti qed jipprocedi b'din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, li jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

**"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."*** Inoltre, l-

oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju ***incumbit ei qui dicit non ei qui negat*** **"**[1]

**Ikkunsidrat;**

Dina l-Qorti ghandha tiddetermina li, jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici intimata tkun ser tbati pregudizzju sproporzjonat jew le. Ghandu jigi kkunsidrat primarjament, li f'dina l-kawza ta' separazzjoni, il-gbir tal-provi ghadu ghaddej u ghadu fl-istadju tal-provi tal-attrici u ghalhekk huwa kmieni wisq biex jigi ddeterminat b'mod ezawrjenti f' xiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici stess tiddikjara li lanqas ghadha lestiet tressaq id-diversi persuni li kieni shab ma' zewgha fil-kumpaniji li kien jiggestixxi u minkejja li harrkithom ma kienux telghu l-Qorti u ghalhekk provi fuq il-komunjoni tal-akkwisti ghadhom mhux ezawrjenti da parti tal-attrici intimata fil-kawza ta' separazzjoni.

Mir-rizultanzi processwali jidher li r-rikorrenti konvenut huwa nvolut f'diversi negozji u sahansitra jammetti meta mressaq jixhed in subizzjoni fl-10 ta' April, 2019 li kien jircievi flus minghand ibnu mis-socjeta' Marina Caterers Ltd., ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni fir-rikors odjern tieghu, li ma jircievi ebda flejjes mill-kumpaniji u negozji li kellu. Huwa minnu li jghid li jircievi dawn il-flus bhala "kaxxier" biex ihallas spejjes ohra. Dan ma jhallix

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

wisq dubbju li r-rikorrent ghadu nvolut sew fin-negozju u jinheba wara l-kappa tat-tifel.

Jinghad ukoll li r-rikorrent stess jametti li ghadu qed jinnegozja meta dahal f'konvenju ta' garaxx appartenenti l-partnership tieghu "The Village" [2] u dan minkejja li kien hemm mandat ta' inibizzjoni mahrug, liema mandat gie kkonfermat b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Gunju, 2017. Essenzjalment, hemm wisq provi x'jindikaw li r-rikorrent ghadu qed jiggestixxi l-kumpaniji tieghu b'xi mod jew iehor, kif dejjem ghamel minghajr ma jinvolvi l-intimata.[3]

Jirrizulta, ghalhekk, li l-attur huwa involut f'diversi socjetajiet u cioe' Marina Caterers Limited (C 33908), CA Developers Limited (C- 19875), The Village Development (P-1558) u D.B.R. Investments Limited (C – 27129), minkejja li jidher li mhux azzjonist maggoratarju.

Il-konvenuta pproduciet provi li juru li fil-15 ta' Frar, 2019, is-socjeta' The Village Development kienet dahlet go konvenju ma' Andrew Fabri et. ghall-bejgh ta' 2-car garaxx bla numru u bla isem b'access ghat-triq minn rampa fi triq Clare. E. Engel, St.Julians.[4] Ghalhekk dan jindika li minkejja l-mandat, minkejja kollox, l-attur, tramite s-socjetajiet fejn jidher bhala azzjonist qieghed jinnegozja u jdahhal introjtu, aktar minn dik tal-pensjoni li jiddikjara.

---

[2] Ara xhieda tas-seduta tal-10 ta' April, 2019, quddiem il-perit legali (dok TA1 esebit mar-risposta tal-attrici
[3] Ara affidavit tal-attrici a fol. 35 tal-process.
[4] Ara dok.TA3 esebit mar-risposta tal-attrici.

Mill-provi prodotti mill-attrici intimatas stess, mhuwiex minnu li l-attur ighix biss mill-pensjoni, ghax jametti li mis-socjeta' Marina Caterers Ltd. jircievi introjtu minghand ibnu, u dan wara dan tal-ahhar jaqta' xi spejjes.

Dan iwassal lil dina l-Qorti biex tkun imhassba, fis-sens jekk l-attur ma sab l-ebda problema biex jippregudika dak li kien haqqha l-attrici waqt iz-zwieg, aktar ser ikun f'posizzjoni li jippregudikalha d-drittijiet taghha, jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, u allura indubbjament ser ikun pregudizzju sproporzjonat.

Kien fid-dmir tar-rikorrent li jikkonvinci lil dina l-Qorti bil-provi li l-waqfien tal-komunjoni mhux ser johloq ebda "pregudizzju sproporzjonat" ghall-attrici, izda minflok aktar ikkonvinca lil dina l-Qorti li r-rikorrent mhux persuna affidabbli u ghadu kmieni wisq sabiex jittiehed kwadru aktar car tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, biex tigi terminata u ma tohloqx "pregudizzju sproporzjonat" ghall-attrici.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**